22 ta' Ottubru, 1953

Imħallef :—
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Generoso Cutajar *versus* Emmanuele Cutajar

**Spoll — Azzjoni Possessorja u Azzjoni Petitorja — Pussess.**

*L-azzjonijiet possessorji, fosthom l-azzjoni ta' spoll, għandhom bħala fondament tagħhom il-pussess, ta' kwalunkwe xorta, u bħala objettiv tagħhom it-tutela ta' dak il-pussess; mentri l-fondament ġuridiku ta' l-azzjoni petitorja huwa d-dritt, u l-iskop tagħha huwa r-rikonoxximent u t-tutela ta' dak id-dritt.*

*Biex tiġi fissata n-natura vera ta' l-azzjoni li tiġi eżerċitata, wieħed irid iħares mhux tant lejn il-kliem, kemm lejn dak li sostanzjalment ikun ġie mitlub fiċ-ċitazzjoni, jiġifieri l-fondament u l-oġġett tal-pretensjoni fiha dedotta.*

*Każ fejn ġie ritenut li l-azzjoni eżerċitata kienet mhux dik ta' spoll, iżda azzjoni petitorja, li kienet tinvesti l-proprjetà tal-fond fil-kawża.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi l-konvenut, abużivament u mingħajr il-kunsens ta' l-attur, fetaħ bieb mid-dar tiegħu li tinsab il-Fgura, nru. 11, Tarxien, għal fuq passaġġ ta' l-attur li jiżbokka għall-istess trieq; u billi l-konvenut, non ostanti li ġie nterpellat uffiċjalment, għadu sal-lum ma għalaqx dak il-bieb; talab li l-konvenut ikun kundannat, fi żmien qasir u perentorju, jerġa' jagħlaq l-imsemmi bieb, u fin-nuqqas l-attur ikun awtorizzat

li jagħlaq l-istess bieb a *spejjeż tal-konvenut*, u taħt id-direzzjoni ta' perit li jiġi nominat minn dina l-Qorti. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-24 ta' Novembru 1952, *kontra l-konvenut*, li għandu jidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, kif josserva Carmelo Belfiore, "i fatti che danno adito all'azione possessoria di reintegrazione possono dar luogo anche *all'azione petitoria, quando colui che* ha sofferto lo spoglio non ha solo il possesso della cosa o il godimento del diritto, ma anche la proprietà della cosa stessa *e la pertinenza del diritto.* Le due azioni hanno *per risultato esteriore* le stesse conseguenze, non definitive però nell'azione possessoria. la revoca cioè dell'azione *violenta* o clandestina che ha prodotto nel possessore la perdita del suo possesso, e la tutela dell'esercizio del possesso istesso e del materiale godimento *della cosa; ma esse sono* essenzialmente diverse per l'obbietto dell'azione e per il fondamento giuridico di essa" (Digesto Italiano, Reintegrazione (azione di), §55);

Illi hu magħruf li l-azzjonijiet possessorji, fosthom dik ta' l-ispoll, għandhom bħala fondament tagħhom il-pussess, *ta' kwalunkwe xorta, u bħala obbjettiv* tagħhom it-tutela ta' dak il-pussess; mentri l-fondament ġuridiku ta' l-azzjoni petitorja huwa d-dritt, u l-iskop tagħha *huwa r-rikonoxximent* u t-tutela ta' dak id-dritt (ara f'dan is-sens Kollez. XXIX—II—590);

Illi, biex tiġi fissata n-natura vera ta' l-azzjoni eżerċitata, wieħed irid iħares mhux tant lejn il-kliem, kemm lejn dak li sostanzjalment ikun ġie mitlub fiċ-ċitazzjoni, jiġifieri l-fondament *u l-oġġett tal-pretensjoni* fiha dedotta;

Illi l-attur, fiċ-ċitazzjoni, ippremetta li l-konvenut, abużivament u mingħajr il-*kunsens ta'* l-attur, fetaħ mid-dar tiegħu (li tinsab il-Fgura, nru. 11, Tarxien) bieb għal fuq passaġġ ta' l-attur. Il-pussess mhux biss mhux l-obbjettiv *ta' l-azzjoni, iżda lanqas jinsab imsemmi; mentri* tippredomina l-idea tal-proprjetà tal-passaġġ fl-attur, u tad-dar li minnha nfetaħ il-bieb, proprjetà tal-konvenut;

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi l-Qorti hija tal-fehma li l-

azzjoni esperita mill-attur hija ta' indoli petitorja, u bħala tali għandha tiġi trattata;

Għal dawna l-motivi;

Tiddikjara li l-azzjoni eżerċitata mill-attur mhix dik ta' spoll, iżda azzjoni petitorja, li tinvesti l-proprjetà ta' l-isqaq deskritt fiċ-ċitazzjoni;

L-ispejjeż, in vista tal-partikularità tal-każ, jibqgħu mingħajr taxxa; iżda d-dritt tar-Reġistru jħallsu l-attur;

U tiddifferixxi l-kawża għat-trattazzjoni fil-meritu għas-7 ta' Jannar 1954.